GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

**ĊIRKULARI**

Referenza: DELH 008/2026

Mingħand: Mario Attard, Mariella Cassar Cordina – Uffiċjali Edukattivi, Mużika

Lil:
Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Chairpersons / Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenija
Diretturi / Assistenti Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarj u Medji (Stat, Knisja u Indipendenti)
Uffiċjali Edukattivi / Kapijiet tad-Dipartiment
Ħaddiema (MEYR)

Suġġett: Programm fis-Seba' u t-Tmien Sena li twassal għall-għażla tal-Mużika (POMP)

Data: 21 ta' Jannar 2026

---

Is-Sezzjoni tal-Mużika fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni qed għal darb'oħra toffri il-*Pre-Option Music Programme* (POMP), kors fis-seba' u t-tmien sena li jwassal għall-għażla tal-Mużika. L-istudenti li bħalissa qegħdin fis-sitt sena tagħhom fl-Iskola Primarja, u li juru interess partikolari fil-mużika, jistgħu jirreġistraw għal dan il-programm ta' sentejn.

L-SLT u l-għalliema tal-Mużika fil-Primarja huma mitluba jinfurmaw lill-istudenti b'dan il-programm. Il-ġenituri/kustodji ta' studenti interessati huma mħeġġa biex japplikaw.

Il-POMP iservi ukoll bħala pjattaforma għal dawk l-istudenti li bi ħsiebhom jagħżlu l-Mużika fid-disa' sena fl-Iskola sekondarja.

Dan il-programm ta' studju se jkun taħt l-amministrazzjoni ta' seba' kulleġġi, li huma l-Kulleġġ t'Għawdex, il-Kulleġġ Maria Reġina, il-Kulleġġ Santa Klara, il-Kulleġġ San Ġorġ Preca, il-Kulleġġ San Injazju, il-Kulleġġ Santa Tereza u il-Kulleġġ San Tumas More, jekk ir-riżorsi jippermettu.

Peress li fit-tagħlim tal-istrument ikun hemm bżonn attenzjoni individwali, in-numru ta' studenti aċċettati għal dan il-programm huwa limitat għal grupp żgħir. Minħabba din ir-raġuni, issir intervista biex insiru nafu lill- istudenti u l-interessi taghhom fil-Mużika, kif ukoll awdizzjoni. Waqt din is-sessjoni l-istudenti jintalbu jwieġbu mistoqsijiet bażiċi dwar għarfien mużikali.

L-istudenti li diġà jipprattikaw xi strument huma mħeġġa li jġibuh magħhom u jdoqqu waqt din il-laqgħa. Il-pjanu/keyboard se jkun disponibbli fil-kamra.

Il-POMP joffri lezzjonijiet tal-prattika u tat-teorija, li jinkludi xogħol kreattiv, smigħ u apprezzament tal-mużika u l-istorja tal-mużika.

L-istrument prinċipali offrut f'dan il-kors huwa l-pjanu. Madankollu, strumenti oħra jistgħu jkunu ikkunsidrati dment li fl-iskola jkun hemm disponibbli għalliema speċjalizzati fl-istrument.

Studenti li qatt m'attendew lezzjonijiet tal-istrument jistgħu japplikaw ukoll, imma eventwalment jrid ikollhom l-istrument id-dar biex jipprattikaw kuljum fuqu. Apparti mill-pjanu li jinsab fil-klassi, l-istudenti jridu jġibu l-istrument magħhom l-iskola meta jkollhom il-lezzjoni tal-prattika. Jista' jkun li jsiru sessjonijiet ta' *Chamber Music* fl-iskola.

Il-linji gwida u l-formula ta' applikazzjoni għal dan il-programm jinsabu mehmużin ma' din iċ-ċirkulari.

Se ssir laqgħa ta' informazzjoni għall-ġenituri/kustodji interessati **l-Ġimgħa 27 ta' Frar fl-10:00am** fuq MS Teams minn din il-ħolqa – agħfas hawn.

**L-applikazzjoni trid tkun iffirmata mill-Kap tal-Iskola Primarja u tintbagħat mehmuża sat-Tnejn 30 ta' Marzu 2026, f'nofsinhar, permezz ta' e-mail lil mario.attard.2@ilearn.edu.mt.** Dettalji dwar l-*awdizzjoni* jintbagħtu aktar 'il quddiem.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jirriserva d-dritt li jżid jew inaqqas in-numru ta' Kulleġġi li qed jipparteċipaw f'dan il-programm.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Uffiċjal Edukattiv:

Is-Sur Mario Attard fuq mario.attard.2@ilearn.edu.mt / tel. 2598 2918
Dr Mariella Cassar-Cordina fuq mariella.cassar-cordina@ilearn.edu.mt / tel. 2598 2616.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Dr Alice Micallef**
**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**